32004R0875

30.4.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 162/51

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 875/2004
tad-29 ta' April 2004
li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1362/2000 dwar il-ftuħ ta' kwota ta' rata ta' tariffa preferenzjali għal flettijiet tat-tonn li joriġinaw fil-Messiku

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1362/2000,

Billi:

(1) Il-Kunsill Konġunt ta' l-Unjoni Ewropea u l-Messiku iddeċieda, bid-Deċiżjoni Nru 2/2004 tat-28 ta' April 2004 li tintroduċi kwota ta' rata ta' tariffa għal ċerti prodotti li joriġinaw fil-Messiku u li huma mniżżlin fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2/2000 tal-Kunsill Konġunt ta' l-UE u l-Messiku, li jiftaħ kwota ta' rata ta' tariffa preferenzali għal flettijiet tat-tonn li joriġinaw fil-Messiku.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1362/2000 tad-29 ta' Ġunju 2000 li jimplimenta, għall-Komunità, id-dispożizzjonijiet tat-tariffi tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt taħt il-Ftehim ta' Interim dwar Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Messikani Uniti [1] għandu għalhekk ikun emendat skond din id-Deċiżjoni.

(3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1362/2000 huwa emendat kif ġej:

1. Is-sentenza li ġejja hija miżjuda ma' l-Artikolu 2(5):

"Id-dazju doganali applikabbli għal prodotti ta' kodiċi CN 1604 14 16 fil-kwota ta' tariffi fl-ordni Nru. 09.1854 fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jkun 6 %."

2. L-Artikolu 2(6) huwa mibdul b'dan li ġej:

"6. Bl-eċċezzjoni tal-kwoti ta' tariffi fl-ordni Nru. 09.1854 u l-ordni Nru. 09.1899, il-kwoti ta' tariffi msemmijin fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jinfetħu kull sena għal perjodu ta' tnax -il xahar mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju. Dawn il-kwoti għandhom jinfetħu għall-ewwel darba fl-1 ta' Lulju 2000."

3. Ir-ringiela li ġejja hija mdaħħla fl-Anness:

"09.1854	1604 14 16	Flettijiet tat-tonn	5 000 Tunnellati Metriċi [7]	Rati Fissi Dazzji Applikati

[7] Fl-2005 il-volum annwali għandu jkun ta'6 000 tunnellata metrika. Mill-2006 'l quddiem il-volum annwali għandu jiżdied skond l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt ta' l-UE u l-Messiku Nru. 2/2004, bil-kondizzjoniji li ghall-anqas 80 % ta' l-ammont totali tal-kwota tas-sena ta' qabel kienu użati sal-31 ta' Diċembru ta' dik is sena."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jgħodd mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt ta' l-Unjoni Ewropea u l-Messiku Nru 2/2004 tat-28 ta' April 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 157, 30.06.00, p. 1.